**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 5 ta' Diċembru 2023**

Rikors Numru: 358/23 AL

A B C

vs

D C

(M.R. Numru 3478/2012)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġuramentat mir-rikorrenti li permezz tiegħu esponiet:

1. Illi l-partijiet iżżewġu nhar l-għoxrin (20) ta' Mejju tas-sena 2012 ġewwa Malta u l-istess żwieġ ġie registrat fir-Registru Pubbliku ta' Malta bin-numru progressiv 034748, MR No: 034748/2012 (ċertifikat anness u mmarkat bħala 'Dok A');

2. Illi mill-istess żwieġ twieldu żewgt itfal tewmin, waħda bl-isem E C u l-oħra bl-isem F C nhar il-21 ta' Marzu tas-sena 2014 (ċertifikati tat-twelid annessi bħala 'Dok. B' u 'Dok. Ċ');

3. Illi l-partijiet infirdu minn xulxin b'kuntratt taseparazzjoni iffirmat quddiem in- Nutar Pubbliku Dr Peter Fleri Soler nhar 1-20 t'April tas-sena 2023 (kuntratt anness u mmarkat bħala Dok D'), wara li ġew debitament awtorizzati;

4. Illi ma hemm ebda prospett ragonevoli għar-rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet;

5. Illi ma hemm l-ebda obligu tamanteniment bejn il-partijiet, stante illi permezz tal-kuntratt ta' separazzjoni (Dok. D), il-partijiet irrinuzjaw id-dritt taghhom għal manteniment;

6. It-tfal tal-partijiet qed jirċievu manteniment adegwat hekk kif provdut fil-istess kuntratt ta' separazzjoni (Dok. D);

7. Illi ma hemm l-ebda pendenzi bejn il-partijiet;

8. Illi fil-fehma tar-rikorrenti jikkonkorru l-kriterji kollha rikjesti mill-liġi għall- hall taż-żwieġ u għad-divorzju tal-partijiet;

Talbet lill-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

(i) Tiddikjara ż-żwieġ ta' bejn il-partijiet maħlul u tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi;

(ii) Tordna lir-Registru tal-Qorti sabiex fiż-żmien hekk prefiss mill-Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet sabiex jiġi reġistrat;

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet tagħha tal-4 ta’ Lulju 2023;

Semghet lill-intimat prezenti fl-awla jiddikjara li m’ghandu l-ebda oggezzjoni li jintlaqghu t-talbiet kontenuti fir-rikors promotur;

Semghet ix-xiehda tar-rikorrenti bil-gurament taghha;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom  legalment separati mill-20 ta’ April 2023 u *de facto* separati ghal aktar minn sena;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta’ rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ ħlas ta’ manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.